KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-26 ta' Marzu 2015 [1]

Kawża C-89/14

A2A SpA
vs
Agenzia delle Entrate

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna illegali — Metodu għall-kalkolu tal-interessi applikabbli għal dan l-irkupru — Regolament (KE) Nru 794/2004 — Artikolu 11 — Interessi komposti — Artikolu 13 — Data tad-dħul fis-seħħ — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirreferi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 794/2004 li jipprovdi għall-applikazzjoni tal-interessi komposti — Dispożizzjonijiet mhux applikabbli ratione temporis għad-deċiżjoni tal-irkupru — Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni"

I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari, ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Frar 2014, tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn A2A SpA (iktar 'il quddiem "A2A") u l-Agenzia delle Entrate (amministrazzjoni fiskali) dwar l-irkupru mingħand A2A ta' għajnuna meqjusa illegali u inkompatibbli mas-suq komuni permezz tad-Deċiżjoni 2003/193/KE tal-Kummissjoni, tal-5 ta' Ġunju 2002, dwar għajnuna mill-Istat li tikkonċerna eżenzjonijiet fiskali u self b'kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija mill-Italja lil impriżi ta' servizzi pubbliċi li l-azzjonisti tagħhom huma, fil-parti l-kbira, pubbliċi [2].

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] [3] u tal-Artikoli 9, 11 u 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [4].

3. Il-qorti tar-rinviju qed tistaqsi, essenzjalment, jekk dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, filwaqt li tirreferi għall-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament Nru 794/2004, timponi l-metodu tal-interessi komposti għall-kalkolu tal-interessi li huma dovuti fuq l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata. Irrid ngħid madankollu li, skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament, li għalih ma jsir l-ebda riferiment fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-kalkolu inkwistjoni ma kienx applikabbli *ratione temporis* għall-għajnuna inkwistjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Vol. 1, p. 339.
3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339.
4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Vol. 4, p. 3.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Deċiżjoni 2003/193

4. Fil-5 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2003/193, li l-Artikoli 2 u 3 tagħha huma redatti kif ġej:

"Artikolu 2

L-eżenzjoni għal tliet snin mit-taxxa, għall-kumpanniji previsti fl-Artikolu 3(70) tal-Liġi 549 tat-28 ta' Diċembru 1995 u fl-Artikolu 66(14) tad-Digriet-Liġi 331 tat-30 ta' Awwissu 1993, li sar liġi permezz tal-Liġi 427 tad- 29 ta' Ottubru 1993, u l-vantaġġi li jirriżultaw mis-self mogħti skont l-Artikolu 9a tad-Digriet Liġi 318 tal-1 ta' Lulju 1986, li sar liġi, wara li ġie emendat, permezz tal-Liġi 488 tad-9 ta' Awwissu 1986, favur kumpanniji b'kapital li l-azzjonisti tagħhom huma, fil-parti l-kbira, pubbliċi, ikkostitwiti fis-sens tal-Liġi 142 tat-8 ta' Ġunju 1990, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu [107(1), TFUE].

Din l-għajnuna ma hijiex kompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 3

L-Italja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex titlob lill-benefiċjarji jagħtu lura l-għajnuna deskritta fl-Artikolu 2 li ngħatatilhom b'mod illegali.

L-irkupru tal-għajnuna għandu jsir immedjatament, skont il-proċeduri nazzjonali, inkwantu dawn jippermettu l-eżekuzzjoni effettiva u immedjata tad-deċiżjoni.

L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata tinkludi l-interessi mid-data li fiha l-benefiċjarju rċieva l-għajnuna illegali, sad-data tar-rimbors effettiv tagħha. Dawn l-interessi għandhom jiġu kkalkolati abbażi tar-rati ta' referenza applikabbli għall-kalkolu tas-sussidju ekwivalenti tal-għajnuna reġjonali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. Id-Deċiżjoni 2003/193 ġiet innotifikata lir-Repubblika Taljana fis-7 ta' Ġunju 2002.

2. Ir-Regolament Nru 659/1999

6. L-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, intitolat "Rkupru ta' għajnuna", jistabbilixxi kif ġej:

"1. Fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna llegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (minn hawn 'il quddiem imsejħa "deċiżjoni ta' rkupru"). Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru ta' l-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità. Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ ir-rkupru ta' l-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità.

2. L-għajnuna li ser tkun rikuperata skond deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-imgħax f'rata xierqa ffissata mill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jkun pagabbli mid-data li fiha l-għajnuna llegali kienet fid-disposizzjoni tal-benefiċjarju sad-data li fiha kienet irkuprata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-ebda ordni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skont l-Artikolu 278 tat-Trattat, ir-rkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jippermettu għall-esekuzzjoni mmedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan l-effett u fl-eventwalità ta' proċedura quddiem il-qrati nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri proviżjonali, mingħajr preġudizzju għall-liġi [tal-Unjoni]."

3. Ir-Regolament Nru 794/2004

7. L-Artikoli 9 u 11 tar-Regolament Nru 794/2004 jinsabu fil-Kapitolu V intitolat "Rata ta' mgħax għall-irkupru ta' għajnuna llegali".

8. L-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Metodu għall-iffissar tar-rata ta' mgħax", jipprovdi:

"1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' l-imgħax li għandha tintuża sabiex tiġi rkuprata l-għajnuna mill-Istat mogħtija bi ksur ta' l-Artikolu [108(3), TFUE] għandha tkun rata perċentwali annwali li tiġi stabbilita minn qabel mill-Kummissjoni f'kull sena kalendarja.

[…]"

9. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 794/2004, intitolat "Metodu għall-applikazzjoni tal-imgħax", jippreċiża:

"1. Ir-rata ta' mgħax li għandha tiġi applikata għandha tkun ir-rata ta' mgħax applikabbli fid-data li fiha l-għajnuna illegali kienet tqegħdet l-ewwel darba għad-disposizzjoni tal-benefiċjarju.

2. Ir-rata ta' mgħax għandha tiġi applikata fuq bażi komposta sad-data tal-irkupru tal-għajnuna. L-imgħax li jiġġamma fis-sena li tiġi qabel għandu jkun suġġett għall-mgħax f'kull sena li tiġi wara.

3. Ir-rata ta' l-imgħax imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi applikata matul il-perjodu kollu sad-data ta' l-irkupru. […]"

10. L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 794/2004 li jinsab fil-Kapitolu VI intitolat "Dispożizzjonijiet finali" jikkonċerna d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jistabbilixxi li dan "ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea". Il-ħames paragrafu ta' dan l-artikolu jistabbilixxi li l-"Artikoli 9 u 11 għandhom japplikaw b'relazzjoni ma' xi deċiżjoni ta' rkupru notifikata wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.", (jiġifieri fl-20 ta' Mejju 2004), li mhux il-każ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, inkwistjoni f'dan il-proċess, innotifikata fis-7 ta' Ġunju 2002.

B – *Id-dritt Taljan*

11. L-Artikolu 1283 tal-Kodiċi Ċivili Taljan jipprovdi li:

"Fin-nuqqas ta' prassi kuntrarja, l-interessi li jkunu għalqu ma jistgħux jipproduċu interessi, ħlief mill-jum li fih issir it-talba ġudizzjarja jew abbażi ta' ftehim sussegwenti għall-għeluq tagħhom, u kemm-il darba l-interessi jkunu ilhom dovuti għallinqas għal sitt xhur".

12. L-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185, tad-29 ta' Novembru 2008[5], dwar miżuri urġenti ta' sostenn għall-familji, għax-xogħol, għall-impjiegi u għall-impriżi u intiż sabiex jimmodifika l-qafas strateġiku nazzjonali b'miżuri kontra l-kriżi, kif emendat u li sar liġi permezz tal-Liġi Nru 2, tat-28 ta' Jannar 2009[6], (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 185/2008"[7]), jistabbilixxi:

"L-interessi għandhom jiġu kkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 […]".

13. Skont il-Corte suprema di cassazione (qorti ta' kassazzjoni), ir-riferiment mill-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008, unikament għall-Kapitolu V tar-Regolament Nru 794/2004, u mhux ukoll għall-Kapitolu VI tiegħu, fejn tinsab id-dispożizzjoni tranżitorja tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 13, jimplika li l-interessi komposti għandhom jiġu applikati għall-irkupru inkwistjoni, anke jekk dan l-irkupru jikkonċerna deċiżjoni tal-Kummissjoni li hija preċedenti għad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament[8].

III – **Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

14. A2A inħolqot bl-amalgamazzjoni ta' ASM Brescia SpA u AEM SpA.

15. Għall-perijodu li jkopri s-snin 1996 sa 1999, ASM Brescia SpA u AEM SpA bbenefikaw minn eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul għal persuni ġuridiċi u tat-taxxa lokali fuq id-dħul, bl-applikazzjoni ta' sistema favorevoli, stabbilita permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-kumpanniji b'kapital, li l-azzjonisti tagħhom huma, fil-parti l-kbira, pubbliċi.

16. Din l-eżenzjoni ġiet ikklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat" illegali u inkompatibbli mas-suq komuni permezz tad-Deċiżjoni 2003/193 tal-5 ta' Ġunju 2002 u nnotifikata fis-7 ta' Ġunju 2002.

17. Fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-207/05, EU:C:2006:366), il-Qorti tal-Ġustizzja iddeċidiet li, "[p]eress li ma ħaditx, fiż-żmien stabbilit, il-miżuri meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji, l-għajnuna li ġiet iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni permezz tad-Deċiżjoni [2003/193], ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 3 u 4 ta' din id-deċiżjoni".

18. Wara din is-sentenza, il-leġiżlatur Taljan intervjena sabiex jirregola l-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni billi adotta, b'mod partikolari, l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008, li jistabbilixxi li l-interessi kellhom jiġu kkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament Nru 794/2004, jiġifieri, bl-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti.

5 — Suppliment ordinarju Nru 263 tal-GURI Nru 280, tad-29 ta' Novembru 2008.

6 — Suppliment ordinarju Nru 14 tal-GURI Nru 22, tat-28 ta' Jannar 2009.

7 — Hemm lok li wieħed jinnota li t-talba għal deċiżjoni preliminari tirreferi wkoll għall-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 10, tal-15 ta' Frar 2007, dwar l-applikazzjoni ta' obbligi Komunitarji u internazzjonali, kif emendat u li sar liġi permezz tal-Liġi Nru 46, tas-6 ta' April 2007 (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 10/2007"), li huwa intitolat "Eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fl-1 ta' Ġunju 2006, fil-Kawża C-207/05. Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/193/KE, tal-5 ta' Ġunju 2002". Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2007 huwa redatt f'termini identiċi għal dawk tal-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 u tal-Artikolu 19 tad-Digriet-Liġi Nru 135, tal-25 ta' Settembru 2009, li jipprovdi dispożizzjonijiet urġenti għall-implementazzjoni ta' obbligi Komunitarji u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, kif emendat u li sar liġi permezz tal-Liġi Nru 166, tal-20 ta' Novembru 2009 (suppliment ordinarju Nru 215 tal-GURI Nru 274 tal-24 ta' Novembru 2009). Madankollu, il-qorti tar-rinviju ma tispjegax ir-rabta bejn dawn it-tliet dispożizzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li l-parti rilevanti tas-sentenza tal-Commissione tributaria regionale della Lombardia Nru 99/19/10 (taħt appell quddiem il-qorti tar-rinviju) tirreferi għall-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008. Fil-biċċa l-kbira tagħha, l-analiżi tiegħi ser tkun limitata għalhekk għal din l-aħħar dispożizzjoni.

8 — Jekk l-Artikolu 24(4) Digriet-Liġi Nru 185/2008, ċertament li japplika għal għajnuna li għandha tiġi rkuprata skont id-Deċiżjoni 2003/194, irrid ngħid li ma jirriżultax b'mod ċar mill-kuntest ġuridiku nazzjonali, espost mill-qorti tar-rinviju, li l-metodu tal-interessi komposti ma ġiex applikat jew reż applikabbli ħlief għall-għajnuna li għandha tiġi rkuprata skont din id-deċiżjoni, u mhux għal għajnuniet illegali oħrajn.

19. A2A ppreżentat rikors quddiem il-Commissione tributaria regionale della Lombardia (kummissjoni fiskali reġjonali tal-Lombardija), kontra l-avviżi ta' impożizzjoni [9] li kienu ġew innotifikati lilha [10] għall-irkupru tat-taxxi li ma kinux tħallsu minn ASM Brescia SpA u AEM SpA, b'applikazzjoni tal-eżenzjoni tat-taxxa inkwistjoni kklassifikata bħala "għajnuna illegali".

20. Jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li l-Commissione tributaria regionale della Lombardia ddeċidiet, b'mod partikolari, permezz tas-sentenza tagħha Nru 99/19/10, li "l-kalkolu tal-interessi fuq bażi komposta [kienet] korretta, inkwantu dan [kien] sar skont l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi 185/2008 […], li jistabbilixxi li l-interessi [kellhom] jiġu kkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 […], billi sempliċement tiġi rrikonoxxuta prattika diġà użata mill-Kummissjoni Ewropea għallinqas mill-1997".

21. A2A ppreżentat rikors kontra din is-sentenza quddiem il-Corte suprema di cassazione, u saħqet, b'mod partikolari, li din il-konklużjoni tal-Commissione tributaria regionale della Lombardia kienet tikser "id-dispożizzjonijiet, meħuda flimkien, tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/193 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 794/2004".

22. A2A kkonkludiet li l-liġi nazzjonali adottata għall-finijiet tal-kalkolu tal-interessi, jiġifieri l-Artikolu 24 tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 kien imur kontra d-dritt tal-Unjoni, inkwantu dan tal-aħħar kien jirreferi għar-Regolament Nru 794/2004, li l-Artikoli 9 u 11 tiegħu jistabbilixxu sistema ta' kalkolu tal-interessi iktar rigoruża minn dik preċedentement adottata, filwaqt li l-paragrafu 5 tal-Artikolu 13 ta' dan ir-regolament jipprovdi li din is-sistema tapplika għad-deċiżjonijiet kollha ta' rkupru nnotifikati wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament (jiġifieri l-20 ta' Mejju 2004), u, konsegwentement, mhux għad-Deċiżjoni 2003/193.

23. Il-Corte suprema di cassazione tissolleva, minn naħa, li ma jidher li hemm l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tipprojbixxi espressament lill-Istati Membri milli jadottaw regola bħal din iżda, min-naħa l-oħra:

— li r-Regolament Nru 794/2004 huwa ċar inkwantu jipprevedi li l-metodu għall-applikazzjoni tal-interessi li jistabbilixxi, japplika għad-deċiżjonijiet tal-irkupru nnotifikati wara d-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ;

— li, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/193 fix-xahar ta' Ġunju 2002, la d-dritt tal-Unjoni u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kienu jippreċiżaw li l-interessi li għandhom japplikaw fir-rigward tal-irkupru tal-għajnuna kellhom jiġu kkalkolati fuq bażi komposta, filwaqt li l-prassi tal-Kummissjoni kienet tirreferi wkoll, f'dan ir-rigward, għad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, u

— li d-dritt Taljan ma jippermettix il-kalkolu tal-interessi fuq l-interessi (kapitalizzazjoni), għal kull obbligu pekunjarju u lanqas għalhekk għall-krediti tal-Istat, għajr b'mod limitat kif previst fl-Artikolu 1283 tal-Kodiċi Ċivili Taljan.

9 — Jirriżulta mill-proċess nazzjonali ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-avviżi segwenti: avviso di accertamento Nru R1P3101304/2009 IRPEG + ILOR 1996, avviso di accertamento Nru TMB030200374/2009 IRPEG 1998, avviso di accertamento Nru TMB030200379/2009 IRPEG 1999, avviso di accertamento Nru TMB030200381/2009 IRPEG 1998, avviso di accertamento Nru TMB030200382/2009 IRPEG 1999 u avviso di accertamento Nru R1P3100012/2009 IRPEG + ILOR 1997.

10 — Skont il-proċess nazzjonali ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja u t-talba għal deċiżjoni preliminari, l-interessi li jidhru f'dawn l-avviżi ta' impożizzjoni ġew ikkalkolati skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament Nru 794/2004 li għalihom jirreferi l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008.

24. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di cassazione ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 14 tar-[Regolament Nru 659/1999], u l-Artikoli 9, 11 u 13 tar-[Regolament Nru 794/2004] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, fir-rigward tal-irkupru ta' għajnuna mill-Istat sussegwentement għal deċiżjoni tal-Kummissjoni nnotifikata fis-7 ta' Ġunju 2002, li l-interessi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament Nru 794/2004 (u b'mod partikolari tal-Artikoli 9 u 11 tiegħu), billi għalhekk tiġi applikata rata ta' interessi bbażata fuq is-sistema tal-interessi komposti?"

IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

25. Il-Gvern Taljan, A2A u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub. Peress li l-ebda parti kkonċernata ma ressqet talba għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet għad-deċiżjoni tagħha mingħajr seduta għas-sottomissjonijiet orali.

V – **Analiżi**

A – *Riferiment għad-dritt nazzjonali għall-kalkolu tal-interessi għall-perijodu ta' qabel ir-Regolament (KE) Nru 794/2004*

26. Id-domanda magħmula mill-Corte suprema di cassazione għandha l-għan li tistabbilixxi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri d-Digriet-Liġi 185/2008, li jipprevedi l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti għall-irkupru tal-għajnuna illegali, billi jirreferi għar-Regolament 794/2004 li jistabbilixxi dan il-metodu u għall-Artikolu 11 tiegħu, anki jekk id-deċiżjoni għall-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni, ġiet innotifikata lir-Repubblika Taljana qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament [11].

27. Huwa paċifiku li skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 13 tar-Regolament 794/2004, l-Artikoli 9 u 11 ta' dan ir-regolament ma japplikawx *ratione temporis* għad-Deċiżjoni 2003/193, peress li din ġiet innotifikata lir-Repubblika Taljana qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament [12]. Għalhekk, ir-Regolament Nru 794/2004 ma jimponix l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti għall-irkupru ta' għajnuna illegali ħlief meta d-deċiżjoni għall-irkupru tkun ġiet innotifikata wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament.

28. Irid jingħad li meta l-leġiżlatur Taljan adotta l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi 185/2008, huwa għażel minn jeddu li japplika l-metodu tal-interessi komposti għal għajnuna li kellha tiġi rkuprata b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/193, anki jekk din id-deċiżjoni kienet preċedenti għad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 11 tar-Regolament 794/2004. Barra minn hekk, jirriżulta mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi 185/2008 huwa differenti mill-Artikolu 1283 tal-Kodiċi Ċivili Taljan li ma jippermettix il-kalkolu tal-interessi fuq bażi komposta għajr f'każijiet speċifiċi u skont termini stretti ħafna.

11 — Għandu jiġi nnotat li din il-kwistjoni tikkonċerna biss il-metodu għall-kalkolu tal-interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajnuna illegali inkwistjoni u mhux il-prinċipju nnifsu tal-irkupru tagħha bl-interessi, skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 659/1999. Fil-fatt, permezz tas-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi għall-annullament, ippreżentati minn AEM SpA u ASM Brescia SpA biex jannullaw l-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni 2003/193. Ara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali ASM Brescia vs Il-Kummissjoni (T-189/03, EU:T:2009:193) u AEM vs Il-Kummissjoni (T-301/02, EU:T:2009:191), ikkonfermati fl-appell, rispettivament, permezz tas-sentenzi A2A vs Il-Kummissjoni (C-318/09 P, EU:C:2011:856), u A2A vs Il-Kummissjoni (C-320/09 P, EU:C:2011:858).

12 — Ara l-punti 5 u 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

29. A2A tqis li l-ħames paragrafu tal-Artikolu 13 tar-Regolament 794/2004 "jistitwixxi barriera *ratione temporis* inekwivoka" u peress li d-Deċiżjoni 2003/193 "hija ddatata l-5 ta' Ġunju 2002 u ġiet innotifikata lir-Repubblika Taljana fis-7 ta' Ġunju 2002, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 794/2004, fl-20 ta' Mejju 2004, huwa manifest li, fil-kuntest tas-sempliċi eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni, ir-riferiment għar-regolament inkwistjoni (datat 2004) ma jistax jiġġustifika l-applikazzjoni tal-interessi komposti (previsti fl-imsemmi regolament)."

1. Id-dritt tal-Unjoni qabel ir-Regolament 794/2004 ma kien jimponi l-ebda metodu għall-kalkolu tal-interessi komposti

30. Għandu jiġi kkonstatat li mis-sempliċi nuqqas ta' applikabbiltà *ratione temporis* tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 794/2004 għad-Deċiżjoni Nru 794/204, fl-assenza ta' elementi oħra u peress li t-test ta' dan ir-regolament huwa sieket, ma jistax jiġi dedott li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti għall-irkupru tal-għajnuna illegali inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Jekk il-ħames paragrafu l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 794/2004 jimponi, b'mod ċar, fuq l-Istati Membri, l-obbligu li japplikaw il-metodu tal-interessi komposti għall-irkupru tal-għajnuna illegali mid-data li jispeċifika, ir-redazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-applikazzjoni tagħha qabel din id-data.

31. Nirrileva, barra minn hekk, li fid-data tal-adozzjoni u tan-notifika tad-Deċiżjoni 2003/193, fix-xahar ta' Ġunju 2002, l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali, ma kienu imponew jew eskludew l-għażla ta' metodu speċifiku għall-kalkolu tal-interessi applikabbli għall-irkupru ta' għajnuna illegali [13].

32. Hemm lok li wieħed jinnota, f'dan ir-rigward, li jekk l-Artikolu 14(2) tar-Regolament 659/1999, jistabbilixxi li "l-għajnuna li ser tkun rikuperata skond deċiżjoni ta' rkupru għandha tinkludi l-imgħax f'rata xierqa ffissata mill-Kummissjoni", din id-dispożizzjoni hija siekta dwar il-kwistjoni jekk dawn l-interessi għandhomx jiġu kkalkolati fuq bażi sempliċi jew komposta.

33. Barra minn hekk, fir-rigward tad-Deċiżjoni 2003/193, l-Artikolu 3 tagħha jistabbilixxi li "l-irkupru tal-għajnuna għandu jsir immedjatament, skont il-proċeduri nazzjonali, kemm-il darba dawn jippermettu l-eżekuzzjoni effettiva u immedjata ta' din id-deċiżjoni" u li "l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata tinkludi l-interessi li għandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha l-benefiċjarju rċieva l-għajnuna illegali sad-data tar-rimbors effettiv tagħha", "ikkalkolati abbażi tar-rata ta' referenza applikabbli għall-kalkolu tas-sussidju ekwivalenti tal-għajnuna reġjonali". Minkejja li titkellem b'mod speċifiku dwar il-perijodu u r-rata ta' referenza [14] għall-kalkolu tal-interessi, id-Deċiżjoni 2003/193 hija siekta dwar jekk l-interessi [15] għandhomx jiġu kkalkolati skont il-metodu tal-interessi sempliċi jew skont il-metodu tal-interessi komposti.

13 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza, Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, EU:C:2008:707, punti 46 u 82). Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fil-punt 46 ta' din is-sentenza, li, fil-Komunikazzjoni tagħha 2003/C 110/08, tat- 8 ta' Mejju 2003, dwar ir-rati ta' interessi applikabbli f'każ ta' rkupru ta' għajnuna illegali (ĠU C 110, p. 21, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-2003"), "il-Kummisjoni rrikonoxxiet espressament li qamet il-kwistjoni li jiġi stabbilit jekk dawn l-interessi kellhomx ikunu sempliċi jew komposti u qieset li kien urġenti li l-pożizzjoni tagħha tiġi kkjarifikata f'dan ir-rigward. Hija, għalhekk, informat lill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati li, f'kull deċiżjoni fejn jiġi ordnat l-irkupru ta' għajnuna illegali, li hija setgħet tadotta fil-futur, kienet ser tapplika rata ta' interessi komposti".

14 — Ara, b'analoġija, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 794/2004.

15 — Ara, b'analoġija, l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 794/2004.

2. Id-dritt tal-Unjoni qabel Regolament (KE) Nru 794/2004 jirreferi għad-dritt nazzjonali għall-kalkolu tal-interessi

34. Jekk, fis-sentenza tagħha Il-Kummissjoni *vs* Département du Loiret (C-295/07, EU:C:2008:707, punt 83), il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li, "[i]l-metodu sabiex jiġi stabbilit il-valur attwali ta' għajnuna illegali jikkostitwixxi kwistjoni ta' sustanza u mhux proċedurali", jirriżulta wkoll minn din is-sentenza li, qabel l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 u f'każ li d-deċiżjoni tal-irkupru tkun siekta dwar il-kwistjoni li jiġi stabbilit jekk il-valur attwali tal-għajnuna, li għandha tiġi rkuprata, għandux jiġi kkalkolat, jew le, abbażi ta' rata ta' interessi komposti, l-irkupru tal-ammont tal-għajnuna mħallsa illegalment kellu jsir abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-interessi għal dewmien fuq krediti tal-Istat [16]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-prassi stabbilita mill-Kummissjoni kienet torbot il-kwistjoni tal-impożizzjoni tal-interessi u tal-kalkolu tagħhom, mal-modalitajiet proċedurali tal-irkupru u kienet tirreferi, f'dan ir-rigward, għad-dritt nazzjonali [17]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li d-dritt Franċiż kien jipprevedi l-applikazzjoni ta' rata sempliċi ta' interessi. Konsegwentement, hija qieset li d-deċiżjoni tal-irkupru inkwistjoni kellha tiġi interpretata fis-sens li l-interessi relatati mal-perijodu mid-data ta' din id-deċiżjoni, sad-data tal-irkupru tal-għajnuna, kellhom jiġi kkalkolati b'rata sempliċi.

35. Għalhekk, inqis li billi jistabbilixxi li l-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni kellu jsir skont il-proċeduri previsti fid-dritt nazzjonali tal-Istat Membru konċernat, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/193 iħalli miftuħa l-kwistjoni tal-metodu tal-kalkolu tal-interessi. Minn dan isegwi li r-Repubblika Taljana kellha l-libertà tal-għażla bejn l-applikazzjoni tal-interessi fuq bażi sempliċi jew komposta [18]. Inżid ngħid li l-leġiżlatur Taljan għamel l-għażla tiegħu meta rrefera għal metodu li ċertament huwa previst fir-Regolament Nru 794/2004, mingħajr ma indika, b'dan, madankollu, il-volontà tiegħu li jeżegwixxi obbligu li seta' kien impost fuqu mid-dritt tal-Unjoni.

B – *Id-dritt tal-Unjoni jimponi xi limiti għall-eżerċizzju ta' din il-libertà?*

36. F'dan ir-rigward, huwa manifest li l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/193 jimplementa l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 659/1999 li jiġbor fih il-proċedura għall-irkupru tal-għajnuna illegali mill-Istati Membri.

37. Fil-fatt, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 659/1999, il-Kummissjoni tiddeċiedi, f'każ ta' deċiżjoni negattiva li tikkonċerna għajnuna illegali, li l-Istat Membru jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju tagħha. Dan il-paragrafu jżid jgħid li l-Kummissjoni ma għandhiex teżiġi l-irkupru tal-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal xi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

16 — Il-Kummissjoni indikat "fl-ittra tagħha lill-Istati Membri SG(91) D/4577, tal-4 ta' Marzu 1991, li d-deċiżjoni finali li permezz tagħha tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni 'iġġib magħha l-irkupru tal-ammont tal-għajnuna diġà mogħtija illegalment, irkupru li għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-imgħaxijiet ta' ħlas tardiv fuq dejn dovut lill-Istat; l-imgħaxijiet ġeneralment jibdew jiddekorru mid-data tal-għoti tal-għajnuna illegali inkwistjoni'". Permezz tal-Komunikazzjoni tagħha tat-30 ta' April 2004 dwar in-natura skaduta ta' ċerti testi relatati mal-politika fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat (ĠU 2004, C 115, p. 1), il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri u terzi konċernati li ma kinitx l-intenzjoni tagħha li tapplika din l-ittra. Jirriżulta minn din il-komunikazzjoni li "[wara] l-adozzjoni mill-Kummisjoni tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 […], ħafna minn dawn it-testi ma għadhomx jgħoddu. It-testi inkwistjoni jikkonċernaw l-obbligu tan-notifika, il-proċeduri tan-notikfika, inklużi n-notifiki mħaffa, ir-rapporti annwali, it-termini u l-irkupru tal-għajnuna illegali." Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, EU:C:2008:707, punti 83 u 84).

17 — Ara, f'dan is-sens is-sentenza Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, EU:C:2008:707, punti 80 sa 86).

18 — Fl-opinjoni tiegħi, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/193, li r-redazzjoni tiegħu hija kważi identika għad-dispożizzjoni inkwistjoni fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Département du Loiret (C-295/07 P, EU:C:2008:707), jorbot espressament il-kwistjoni tal-impożizzjoni tal-interessi komposti mal-modalitajiet proċedurali tal-irkupru u jirreferi, f'dan ir-rigward, għad-dritt nazzjonali.

38. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(3) ta' dan ir-regolament, l-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri, skont l-aħħar frażi tal-Artikolu 14(3) tal-imsemmi regolament, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, disponibbli fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, li jinkludu miżuri provviżorji, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni.

39. Il-kundizzjonijiet imposti mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 659/1999 huma biss riflessjoni tar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' effettività stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [19]. Skont dan il-prinċipju ta' effettività, kif ikkonkretizzat fil-qasam tal-għajnuna illegali permezz ta' ġurisprudenza stabbilita, Stat Membru li, skont deċiżjoni tal-Kummissjoni huwa obbligat jirkupru għajnuna illegali, huwa, bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, liberu li jagħżel mezzi li permezz tagħhom jeżegwixxi dan l-obbligu, kemm-il darba l-miżuri magħżula ma jippreġudikawx il-portata u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni [20] u josservaw il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali [21].

40. Konsegwentement, hemm lok li jiġi vverifikat jekk l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti, skont leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawza prinċipali, tippreġudikax il-portata u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni u tiksirx id-drittijiet fundamentali jew xi prinċipju tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, ir-rekwiżiti li joħorġu mill-protezzjoni tal-prinċipji ġenerali, irrikonoxxuti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, jorbtu wkoll lill-Istati Membri meta dawn jimplementaw il-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni [22], f'dan il-każ l-Artikolu 14(1) tar-Regolament 659/1999 u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2003/193.

1. Il-miżura inkwistjoni fir-rigward tal-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat

41. Skont ġurisprudenza stabbilita, it-tneħħija tal-għajnuna illegali permezz tal-irkupru, hija l-konsegwenza loġika wara li tiġi stabbilita l-illegalità tagħha. Fil-fatt, permezz tar-restituzzjoni tal-ammont tal-għajnuna mħallsa, il-benefiċjarju jitlef il-vantaġġ li minnu jkun ibbenefika fis-suq meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu u s-sitwazzjoni ta' qabel ma sar l-għoti tiġi stabbilita mill-ġdid [23].

42. Barra minn hekk, kif tindika l-Komunikazzjoni 2003/C 110/08, l-effett tar-rimbors tal-għajnuna illegali huwa "li jiġu pprovduti fondi lil benefiċjarju bl-istess kundizzjonijiet bħal self għal żmien medju mingħajr interessi. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-interessi komposti tidher meħtieġa sabiex taċċerta n-newtralizzazzjoni totali tal-vantaġġi finanzjarji li jirriżultaw minn din is-sitwazzjoni" [24]. [traduzzjoni mhux uffiċjali] Għalhekk, l-applikazzjoni tal-interessi komposti sempliċement tistabbilixxi l-valur finanzjarju attwali tal-għajnuna illegali li minnha jkun gawda l-benefiċjarju.

19 — Ara s-sentenza Scott u Kimberly Clark (C-210/09, EU:C:2010:294, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 — Is-sentenza Scott u Kimberly Clark (C-210/09, EU:C:2010:294, punt 21).

21 — Is-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-527/12, EU:C:2014:2193, punt 39).

22 — Is-sentenza Gerekens u Procola (C-459/02, EU:C:2004:454, punt 21).

23 — Is-sentenza Unicredito Italiano (C-148/04, EU:C:2005:774, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — Ara wkoll, il-premessa 13 tar-Regolament Nru 94/2004 li jipprovdi li l-"għajnuna ta' l-Istat tista' titqies li tnaqqas il-ħtiġiet ta' finanzjament f'terminu medju ta' żmien ta' intrapriża. […]".

43. Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi l-irkupru tal-interessi kkalkolati fuq bażi komposta fuq l-għajnuna illegali mogħtija u li għalhekk għandha l-għan li telimina l-vantaġġi kollha finanzjarji minnha konċessi, inklużi dawk anċillari[25], hija idoneja sabiex terġa' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni li jkunu ġew distorti permezz tal-għoti tal-għajnuna illegali inkwistjoni[26] u, b'hekk tiggarantixxi l-portata u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

2. Il-miżura inkwistjoni fir-rigward tal-inerzja tar-Repubblika Taljana u tal-protezzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali

44. A2A tosserva li d-dewmien fl-irkupru tal-għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-fatt li dan seħħ biss wara li ġie kkonstatat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tar-Repubblika Taljana mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-207/05, EU:C:2006:366), għandhom jiġu attribwiti esklużivament lill-"inerzja" ta' dan l-Istat. Minħabba f'hekk, skont A2A, l-applikazzjoni tal-interessi komposti tkun tikkostitwixxi "fiskalità illeċita".

45. Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

46. L-applikazzjoni tal-interessi komposti mid-data tal-għoti tal-għajnuna illegali sad-data tar-rimbors effettiv tippermetti biss li dan ir-rimbors jiġi marbut mal-valur reali fiż-żmien li matulu A2A bbenefikat mill-għajnuna, u xejn iktar[27]. Għaldaqstant il-kwistjoni ma tistax tkun waħda ta' taxxa jew ta' "fiskalità indebita".

47. A2A tqis li "l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali milli iċċaħħad persuna b'effett retroattiv minn aspettattiva legalment protetta li l-obbligu tagħha ta' restituzzjoni jista' jiġi aggravat biss b'interessi sempliċi". Hija tosserva wkoll li l-atti tal-istituzzjonijiet u l-miżuri nazzjonali li jeżegwixxuhom għandhom ikunu ċerti u prevedibbli, sabiex jippermettu lil persuni kkonċernati jevalwaw l-effetti tagħhom f'ħin xieraq u li jieħdu konjizzjoni eżatta tal-estent tal-obbligi li jimponu fuqhom. Skont A2A, dan ir-rekwiżit mandatorju ta' ċertezza legali japplika b'rigorożità partikolari meta l-kwistjoni tkun tikkonċerna leġiżlazzjoni li tista' tinkludi obbligi finanzjarji għall-individwi.

48. Jekk bħala regola ġenerali, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li huwa fost il-prinċipji ġenerali rrikonoxxuti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u li jorbot ukoll lill-Istati Membri meta jimplementaw il-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni[28], "jipprekludi att Komunitarju milli jkollu effett minn data preċedenti għall-pubblikazzjoni tiegħu"[29], kuntrarjament għal dak li tosserva A2A, ma naħsibx li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tapplika b'mod retroattiv.

25 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P et C-75/00 P, EU:C:2002:524, punt 159) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li "wieħed ma jistax jaċċerta li s-sitwazzjoni preċedenti terġa' tiġi stabbilita, kemm-il darba r-rimbors tal-għajnuna ma jitħallasx bl-interessi mid-data tal-għoti tal-għajnuna u jekk ir-rati tal-interessi applikati ma jkunux rappreżentattivi tar-rati tal-interessi pprattikati fis-suq. Fin-nuqqas, il-benefiċjarju ikun għallinqas gawda minn vantaġġ li huwa ekwivalenti għal self mingħand il-gvern mingħajr interessi jew self sussidjat."

26 — Ara s-sentenza Scott u Kimberly Clark (C-210/09, EU:C:2010:294, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Ara l-punti 42 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza Gerekens u Procola (C-459/02, EU:C:2004:454, punti 21 sa 24).

29 — Ara s-sentenza Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kunsill (C-110/97, EU:C:2001:620, punt 151 l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli tad-dritt sostantiv għandhom jiġu interpretati, biex tiġi aċċertata l-osservanza tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, f'sens li ma għandhomx fil-mira tagħhom sitwazzjonijiet miksuba preċedentement għad-dħul tagħhom fis-seħħ, ħlief fejn jirriżulta b'mod ċar mit-termini tagħhom, mill-għanijiet li jridu jilħqu jew mill-istruttura tagħhom, li għandhom jiġu attribwiti dan l-effett [ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Pokrzeptowicz-Meyer (C-162/00, EU:C:2002:57, punt 49)].

49. Fil-fatt, ma jirriżultax, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, li d-Digriet-Liġi Nru 185/2008 applika retroattivament il-metodu tal-interessi komposti, għal għajnuna diġà rkuprata jew li d-dħul tiegħu fis-seħħ kien preċedenti għad-data tal-pubblikazzjoni tiegħu. Nirrileva li, fid-data meta ntbagħtu l-avviżi ta' impożizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali [30], id-Digriet-Liġi Nru 185/2008 kien diġà applikabbli peress li l-Artikolu 36 tiegħu jistabbilixxi l-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu bħala dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Gazzetta ufficiale della Repubblica italiana*, jiġifieri, id-29 ta' Novembru 2008 [31].

50. Barra minn hekk, jekk huwa minnu li l-metodu tal-interessi komposti applikat għall-kalkolu tal-interessi dovuti fuq l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, skont d-Deċiżjoni 2003/193, ma kienx applikabbli la skont id-dritt tal-Unjoni u lanqas skont id-dritt Taljan, qabel l-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 u, konsegwentement, fil-mument tal-adozzjoni u tan-notifika ta' din id-deċiżjoni, madankollu jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li r-regola ġdida għandha tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot taħt is-sistema tar-regola preċedenti [32].

51. Peress li l-għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx ġiet irkuprata u lanqas ma kienet fil-mira tal-avviżi ta' impożizzjoni ċċitati iktar 'il fuq, qabel il-pubblikazzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008, l-Artikolu 24(4) ta' dan id-Digriet-Liġi ma jistax jitqies li jaffettwa sitwazzjoni miksuba qabel id-dħul fis-seħħ.

52. Minn dan jirriżulta li l-osservazzjonijiet ta' A2A dwar l-applikazzjoni retroattiva tal-metodu tal-interessi komposti u l-ksur, li jista' jirriżulta minnha, tal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali ma jistgħux jintlaqgħu.

53. Ngħid ukoll li, bil-pubblikazzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008, l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti, għall-kalkolu tal-interessi dovuti fuq l-għajnuna illegali li trid tiġi rkuprata b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2003/193, kienet ċerta u l-applikazzjoni tagħha prevedibbli għall-partijiet fil-kawża.

C – *Il-miżura inkwistjoni fir-rigward tad-drittijiet fundamentali*

54. Fl-ewwel lok, ninnota, l-istess bħall-Kummissjoni, li peress li l-irkupru tal-għajnuna, li fuqha jiżdiedu l-interessi kkalkolati fuq bażi komposta, ma għandhiex ħlief l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid u strettament is-sitwazzjoni legali preċedenti, leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik fil-kawża prinċipali, ma tikkostitwixxix sanzjoni [33] u ma tistax titqies bħala sproporzjonata meta mqabbla mal-għanijiet fil-mira tal-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE [34]. Barra minn hekk, huwa ċar li, anki fl-assenza ta' sanzjoni, l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni li jistabbilixxi li "m'għandh[iex] tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta twettaq ir-reat" ma huwiex applikabbli.

55. Fit-tieni lok, irrid nanalizza l-argument ta' A2A dwar id-diskriminazzjoni.

30 — Dawn l-avviżi jidhru li ġew maħruġa, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, fl-2009. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 — Peress li d-Digriet-Liġi Nru 10/2007 daħal fis-seħħ fis-16 ta' Frar 2007, l-analiżi tiegħi tapplika *mutatis mutandis* għall-Artikolu 1 tiegħu. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

32 — Is-sentenza Pokrzeptowicz-Meyer (C-162/00, EU:C:2002:57, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Il-Belġju *vs* Il-Kummissjoni (C-75/97, EU:C:1999:311, punt 65).

34 — Ara s-sentenza Diputación Foral de Vizcaya *et* vs Il-Kummissjoni (C-471/09 P sa C-473/09 P, EU:C:2011:521, punt 100).

56. Skont A2A, l-impriżi benefiċjarji li huma destinatarji ta' ordnijiet ta' rkupru msejsa fuq l-Artikolu 24 tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 tqiegħdu f'sitwazzjoni differenti u inqas vantaġġuża minn dik ta' impriżi fil-mira ta' deċiżjonijiet għall-irkupru ta' għajnuna kontemporanja jew preċedenti għad-Deċiżjoni 2003/193 [35], li fir-rigward tagħhom ma ġewx applikati l-interessi komposti għall-irkupru tal-għajnuna.

57. Jekk il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [36], jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li dan il-prinċipju jitlob li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat. L-elementi li jikkaratterizzaw sitwazzjonijiet differenti u iktar speċifikament, in-natura komparabbli tagħhom, għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tal-mira u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li fl-ambitu tiegħu jaqa' l-att inkwistjoni. Din l-attitudni għandha tapplika wkoll, *mutatis mutandis*, fil-kuntest ta' eżami li għandu fil-mira tiegħu l-evalwazzjoni tal-konformità, mal-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament, ta' miżuri nazzjonali li jimplementaw id-dritt tal-Unjoni [37].

58. Jekk l-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 huwa redatt b'mod astratt u ġenerali, jirriżulta madankollu minn ċerti elementi fil-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, li dan ġie adottat preċiżament sabiex jirregola l-irkupru ta' għajnuna li ġiet iddikjarata illegali permezz tad-Deċiżjoni 2003/193 [38]. Barra minn hekk, it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-osservazzjonijiet ta' A2A u tal-Gvern Taljan jenfasizzaw id-diverġenzi bejn il-metodu għall-kalkolu tal-interessi stabbilit permezz tal-Artikolu 24(4) tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 (kompost) u dak stabbilit permezz tal-Artikolu 1283 tal-Kodiċi Ċivili Taljan [39] (sempliċi). Barra minn hekk, ma jirriżultax b'mod ċar mill-kuntest ġuridiku nazzjonali, espost mill-qorti tar-rinviju, li l-metodu tal-interessi komposti ma ġiex applikat jew reż applikabbli ħlief għall-għajnuna li kellha tiġi rkuprata skont id-Deċiżjoni 2003/193 u mhux għal għajnuniet oħra illegali [40].

59. Nirrileva wkoll li l-Gvern Taljan ma jispjegax, fl-osservazzjonijiet tiegħu, għalfejn il-leġiżlatur nazzjonali ddeċieda li ma jestendix il-metodu ta' kalkolu previst fir-Regolament Nru 794/2004 għal atti ta' rkupru msejsa fuq id-Deċiżjoni 2003/193. Jgħid biss li l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel l-għajnuna illegali u li "filwaqt li r-regola tad-dritt ġenerali intern (jiġifieri dik tal-Artikolu 1283 tal-Kodiċi Ċivili) tistabbilixxi l-prinċipju li, bħala regola ġenerali, l-interessi huma sempliċi, ir-regoli speċifiċi li jirregolaw l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat b'eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2003/193, japplikaw il-prinċipju oppost tal-interessi komposti".

60. Huwa minnu, kif diġà spjegajt qabel, li leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi l-metodu tal-interessi komposti għall-kalkolu tal-interessi dovuti fuq l-għajnuna li trid tiġi rkuprata, għandha biss l-għan li tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel il-ħlas tal-għajnuna illegali u li telimina l-vantaġġi kollha finanzjarji li jirriżultaw mill-għajnuna, li għandhom effetti antikompetittivi. Fil-fatt, billi timponi dan il-metodu, il-leġiżlazzjoni tevita li l-impriża tikkonserva benefiċċju li jikkorrispondi għal self mingħajr interessi [41].

35 — Skont A2A, ir-Repubblika Taljana ma imponiet l-ebda interessi komposti għall-irkupri li saru b'eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/668/KE, tat-12 ta' Lulju 2000, dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Italja f'forma ta' eżenzjoni fiskali skont il-Liġi Taljana Nru 549/95 lil impriżi fis-settur tat-tarzni, bis-saħħa tal-liġi Taljana Nru 549/95 (ĠU L 279, p. 46).

36 — Is-sentenza Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51).

37 — Is-sentenza IBV & Cie (C-195/12, EU:C:2013:598, punti 50, 52 u 53).

38 — L-Artikolu 1 tad-Digriet-Liġi Nru 10/2007 huwa intitolat "Eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, fl-1 ta' Ġunju 2006, fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-207/05, EU:C:2006:366). Implementazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/193/KE, tal-5 ta' Ġunju 2002 [...]". Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 — Ara l-punti 22 u 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 — Ara l-punti 41 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61. L-applikazzjoni effikaċi tal-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE titlob għalhekk li l-Istat Membru jkun jista' jadatta l-metodu tal-kalkolu tal-interessi fuq l-għajnuna illegali, biex jelimina l-vantaġġi kollha finanzjarji li jirriżultaw mill-għajnuna u li tali leġiżlazzjoni, li temenda l-leġiżlazzjoni preċedenti, ma ġġibx magħha l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

62. Konsegwentement, il-fatt li l-impriżi benefiċjarji li huma destinatarji ta' ordnijiet ta' rkupru msejsa fuq l-Artikolu 24 tad-Digriet-Liġi Nru 185/2008 tqiegħdu f'sitwazzjoni differenti u inqas vantaġġuża minn dik ta' impriżi fil-mira ta' deċiżjonijiet għall-irkupru ta' għajnuna indirizzati lir-Repubblika Taljana qabel id-Deċiżjoni 2003/193, ma jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament [42].

63. Mhux l-istess jista' jingħad forsi għad-deċiżjonijiet ta' rkupru tal-għajnuna kontemporanja jew sussegwenti għal dawk fondati fuq id-Deċiżjoni 2003/193 u li għadhom ma ġewx suġġetti għar-Regolament 794/2004, iżda t-talba għal deċiżjoni preliminari ma fihiex biżżejjed informazzjoni biex tiġi evalwata r-realtà ta' diskriminazzjoni potenzjali f'dan ir-rigward.

64. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni konkreta, la fuq id-deċiżjonijiet l-oħra għall-irkupru tal-għajnuna kontemporanja jew sussegwenti u lanqas fuq il-kriterji eventwali li fuqhom kienet imsejsa din id-distinzjoni potenzjali u, jekk ikun il-każ, il-ġustifikazzjoni tagħhom, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li teżamina din il-kwistjoni abbażi tal-prinċipji żviluppati f'dawn il-konklużjonijiet.

65. Kieku l-qorti tar-rinviju kellha tistabbilixxi li A2A kienet effettivament il-vittma ta' diskriminazzjoni mhux iġġustifikata, ikun il-kompitu tagħha li tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa sabiex telimina din tal-aħħar, u dan skont il-proċedura nazzjonali tagħha. Fi kliem ieħor, għall-effettività tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju, mingħajr ma tirrinunzja għall-impożizzjoni tal-interessi, li twarrab l-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti għall-kalkolu tal-interessi dovuti fuq l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata mingħand A2A.

VI – **Konklużjoni**

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (L-Italja):

L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE], l-Artikoli 9, 11 u 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jostakolawx leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fir-rigward tal-irkupru ta' għajnuna mill-Istat wara deċiżjoni tal-Kummissjoni [innotifikata fis-7 ta' Ġunju 2002], li l-interessi għandhom jiġu stabbiliti bl-applikazzjoni tal-metodu tal-interessi komposti.

42 — Il-fatt li r-Repubblika Taljana tapplika, skont il-prinċipju tal-awtonomika proċedurali, il-metodu tal-interessi komposti, filwaqt li Stati Membri oħra japplikaw il-metodu tal-interessi sempliċi, lanqas ma jikkostitwixxi, kuntrarjament għall-osservazzjonijiet ta' A2A, ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fatt, il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, jippreżupponi li jista' jkun hemm differenza fit-trattament bejn il-benefiċjarji tal-għajnuna illegali fl-Istati Membri differenti, li għalhekk ma jinsabux f'sitwazzjonijiet komparabbli, kemm-il darba, indubjament, dawn id-differenzi ma jippreġudikawx l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni.